StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A** **(15-il marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi tagħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.

1. X'hemm fir-raħal jew il-belt tiegħek li juri li int qed tgħix f'ambjent Nisrani?
   (knisja, ħwienet, toroq sbieħ)

2. a. F'liema ktieb tal-Bibbja hemm ir-rakkont tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta?
   (Il-Ġenesi, L-Atti ta' l-Appostli, Is-Salmi)

   b. Min kiteb dan il-ktieb tal-Bibbja?
   (San Mattew, San Mark, San Luqa)

3. Lil min għażel Alla biex jeħles lill-poplu Lhudi mill-Eġittu?
   (Mosè, Abraham, David)

4. X'ipprovdielhom Alla fid-deżert bħala ikel?
   (ħaxix, manna, ħut)

5. Min kien l-ewwel sultan tal-poplu Lhudi?
   (David, Salamun, Sawl)

6. a. X'wiegħed Alla lis-sultan David?
   (li jgħix mitt sena, li jaħkem id-dinja kollha, li mir-razza tiegħu jitwieled il-Messija)

   b. Meta seħħet din il-wegħda?
   (meta ried jibni t-tempju, meta twieled Ġesù, meta xjaħ)

7. X'messaġġ ried iwassal Alla permezz tal-profeti?
   (is-sejħa għall-indiema, it-tbassir tat-temp, il-messaġġ tas-Salmi)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. X'għamel San Massimiljanu Kolbe biex ikun jixbah lil Ġesù?
(ħarrab lil sieħbu, miet għal sieħbu, qassam il-kotba)

9. X'għamlet Madre Tereża ta' Kalkutta biex tkun tixbah lil Ġesù?
(marret soru tal-klawsura, siefret mad-dinja kollha, għenet lill-foqra)

10. F'liema sagrament Ġesù hu preżenti b'mod speċjali?
(Fl-Ewkaristija, Fil-Qrar, Fil-Magħmudija)

11. Kif għandek tħejji ruħek biex tirċievi l-Ewkaristija kif jixraq?
(Inkun bla dnub, immur il-knisja fil-ħin, ngħin fil-quddiesa)

12. X'għandek tagħmel int bħala Nisrani kull nhar ta' Ħadd?
(niddeverti ma' sħabi, nieqaf mix-xogħol u mmur il-quddies, nagħmel il-*homework* u nistudja)

13. Liema parabbola qal Ġesù biex jgħallimna li Alla Missierna lest li jaħfrilna meta aħna jiddispjaċina li offendejnieh?
(Is-Samaritan it-tajjeb, L-Iben il-Ħali, Ix-xibka tal-ħut).

**Taqsima B** **(10 marki)**

X'għamel Ġesù f'dawn il-postijiet?
Qabbel billi timla n-numri minn 1 sa 5 fil-kolonna vojta tan-nofs.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | F'Kana | | twieled ġo għar. |
| 2 | F'Nazaret | | intilef fit-tempju. |
| 3 | F'Betlehem | | qajjem mill-mewt lil Lażżru. |
| 4 | F'Ġerusalemm | | għex u trabba. |
| 5 | F'Betanja | | għamel l-ewwel miraklu. |

**Taqsima Ċ**

**(10 marki)**

Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| parabbola | miraklu | fis-sinagoga | fit-tempju | fis-Sinedriju |
| Evanġelisti | appostlu | Bibbja | id-dixxipli | Ġenesi |

1. L-ewwel ktieb tal-Bibbja hu l- ____________________ .
2. Kull nhar ta' Sibt il-Lhud imorru jitolbu __________________ .

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Ġesù kien jgħid xi _________________ biex iwassal it-tagħlim tiegħ
4. __________________ l-Lhud kienu jiddiskutu kwistjonijiet reliġjużi.
5. Il-festi l-kbar il-Lhud kienu jiċċelebrawhom _______________________.
6. Dawk li kitbu l-evanġelju jissejħu ________________ .
7. Ġesù għażel tnax-il _______________ biex ikunu l-ħbieb intimi tiegħu.
8. Bil- _______________ tal-imxajtan ta' Ġerasa, Ġesù wera li Hu għandu setgħa fuq ix-xitan.
9. Il- ____________________ hija l-Kelma t'Alla miktuba.
10. ________________ ta' Ġesù kienu dawk li jmorru warajh biex jisimgħuh jippriedka.

**<u>Taqsima D</u>** **(15 – il marka)**

<u>Aqra dan il-kliem ta' Ġesù u ikteb x'għandek tagħmel int biex tgħix bħalu.</u>

1. "Missier aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. "Missier, biegħed minni dan il-kalċi. Iżda mhux kif irrid jien, iżda kif trid int."

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. "Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib."

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. "Min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom."

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

5. "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin."

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

**Taqsima E** **(20 marka)**

Il-Parabboli

Ġesù qal il-parabbola tal-bidwi li ħareġ jiżra'.

(1) Imla l-vojt biex tifforma l-parabbola kif qalha Ġesù.
Dawn li ġejjin huma l-kelmiet li għandek tuża.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| jiżra' | ħanaqhom | l-għasafar | żerriegħa | tajba |
| blat | kiber | ħamrija | ix-xemx | għamlux |

Kien hemm bidwi li ħareġ ____________ . Ġara li hu u jiżra' xi ____________ waqgħu fil-mogħdija; ġew ______________ u naqqruhom kollha. Oħrajn waqgħu f'art kollha ______________ fejn ma kienx hemm wisq _____________ u malajr nibtu; meta mbagħad telgħet ______________, inħarqu u nixfu. Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk, u x-xewk _____________ u ______________ u frott ma ______________ . Oħrajn waqgħu f'art ______________ u għamlu l-frott.

(2) Issa wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq din il-parabbola.

1. Xi tfisser iż-żerriegħa ta' din il-parabbola?

____________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Fejn waqgħet iż-żerriegħa li għamlet il-frott?

3. Fejn nistgħu nsibu l-kelma u t-tagħlim ta' Ġesù llum?

4. X'taħseb li llum jista' jfixkilna milli nisimgħu u nilqgħu l-kelma t'Alla?

5. X'taħseb li tista' tagħmel int biex il-kelma t'Alla ssir tafha aħjar u tħalliha tagħmel il-frott fik?

**Taqsima F** **(30 marka)**

Il-Mirakli ta' Ġesù.

Din is-sena studjajt dawn il-mirakli ta' Ġesù:

- Ġesù fejjaq lill-għama fl-għajn ta' Silwam
- Ġesù fejjaq l-imxajtan ta' Ġerasa
- Ġesù tema' ħamest elef ruħ
- Ġesù pprovda l-inbid waqt tieġ f'Kana

a. Agħżel **WIEĦED** minn dawn l-erba' mirakli u rrakkontah f'madwar 50 kelma.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

b. Kif tista' inti, bħal Ġesù, tgħin lil min hu fil-bżonn?
Ikteb **żewġ** sentenzi.

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers